# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 35 Novembru Diċembru 1999

BirdLife MALTA
L-Għaqda għall-Għasafar







pag12



paġ3

Żiemel bil-ġwienaħ!



BirdLife Pictures

## Żrinġ

karta riċiklata

editorjal

# Ħbieb! Ħuttaf





Ħa ngħidilkom!

Qed nisma' li skoss nies qed jerġgħu jibdew jonsbu għall-pitirrossi, vizzju li bis-saħħa tal-BirdLife kien naqas ħafna.

Min jaqbad il-pitirrossi jmissu jistħi. Dan huwa vizzju speċjalment tas-subien - donnhom il-bniet iktar għandhom sens f'dan! Prosit, bniet, ibqgħu hekk!

Imma ħej, mhux is-subien biss. Hemm ukoll *irġiel* li jgħallmu u jħajru lit-tfal tagħhom jaqbdu dal-vizzju misħut. Ma nafx kif bniedem għandu l-wiċċ jgħid li huwa raġel meta jmur jaqbad il-pitirrossi, META JAF LI DAWN SE JMUTULU KOLLHA! Min jagħmel dan huwa kattiv, bla qalb, egoist, stupidu, buli u t-titli l-oħrajn kollha li nista' nimmaġina!

Ħbieb, jekk taraw xi ħelu li jżomm il-pitirrossi tgħidulu xejn, tidħqulux! Jekk joffrilkom xi wieħed għidulu grazzi, ħuduh u ħarrbuh mill-ewwel. U TIXTRUX pitirrossi, lanqas biex tħarrbuhom! Meta tixtru tkunu qed tħajru lil dak li qabadhom biex jerġa' jmur jaqbad, ħalli jerġa' jbigħ!

Imbagħad agħmlu biċċa xogħol: Ċemplu waħda lill-pulizija ta' l-ALE fuq 240707 (jew għidu lill-ġenituri tagħkom biex iċemplu). Dawn il-pulizija jmorru għand dak li jkun, jeħdulu l-pitirrossi, iħarrbuhomlu kollha, jagħtuh tbeżbiża u forsi jwaħħluh xi multa! Forsi jitgħallem! Forsi!

Imsomma, ħbieb. Reġgħet għaddiet sena oħra u reġa' wasal il-Milied. Għalhekk nispiċċa billi nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom kull ma tixtieq qalbkom, u awguri għall-bidu tat-Tielet Millennju.

U ara qis li tiġu l-PARTY!!!

Victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Dinja Waħda** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet ta' Malta** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja?** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 35** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq... il-Pitirross** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Attività u Avviżi** | **paġ 7** |
| **Gallerija** | **paġ 8** |
| **Aktar Attività** | **paġ 9** |
| **Ħatra Ġdida!** | **paġ 9** |
| **Enerġija (2)** | **paġ 10** |
| **Ħuttafa tas-Sena** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **Mill-Ġenna** | **paġ 12** |


**Pipistrell**
Pipistrelle Bat






***DINJA WAHDA*** *hija proġett għall-iskejjel, li BirdLife għadha kemm bdiet fil-Primarja u s-Sekondarji. F'dal-proġett intom l-istudenti tagħmlu attivitajiet u ttellgħu punti għall-iskola tagħkom. Fl-aħħar tas-sena l-iskola li ttella' l-iktar punti tingħata premji u unuri.*

*DINJA WAHDA huwa wieħed mill-* ***Millennium Projects*** *tal-BirdLife.*

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**
Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis, Justin Vassallo.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.

## Ritratt ta' Quddiem

### Żrinġ

Painted Frog *Discoglossus pictus*

Iż-żrinġ ilkoll nafu bih. Limhux kulħadd jaf huwa li ż-żrinġ qed jispiċċa minn Malta! Il-widien nidjin fejn jgħix qegħdin jinxfu għax il-bdiewa qed jippumpjaw wisq ilma għat-tisqija. Barra dan, hemm il-problema l-oħra tal-familji li fil-Ħdud joħorġu fil-kampanja armati bil-vażetti għaż-żrinġijiet u l-imrieżep...

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
**Tel 347646 Fax 343239 email blm@orbit.net.mt**
**web http://www.waldonet.net.mt/birdlife/**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Novembru 1999

aħbarijiet

## Żiemel bil-ġwienaħ



Stampa meħuda mill-ġajd Birds of Europe ta' Lars Jonsson, 1996

Waqt mixja f'Ta' Ċenċ f'Għawdex, grupp berdwoċers tal-BirdLife ħadu sorpriża sabiħa. Huma u jammiraw spanjulett (kestrel) ivenven 'l hawn u 'l hemm, wieħed minnhom ra għasfur żgħir inaqqi qalb it-tullier u l-widnet il-baħar taħt xifer l-irdum. Mad-daqqa t'għajn xejn speċjali, imma f'daqqa waħda dan il-berdwoċer (minkejja li għandu 60 sena!)beda jaqbeż qisu l-miġnun! Imma kellu raġun jaqbeż. Dak l-għasfur kien **żiemel ta' l-alpi** (alpine accentor *Prunella collaris*), speċi li kienet ilha 14-il sena ma tidher f'Malta!

## BirdFest suċċess

Kif forsi rajtu mill-gazzetti jew mit-televixin, il-BirdFest li għamilna fil-Buskett kienet suċċess. Is-sena d-dieħla probabbli nerġgħu nagħmluha.



Desirée Falzon

## Il-bibien jerġgħu jinfetħu...

9.00am -12.30pm
2.00pm - 4.00pm



Wara sajf qalil u nixfa vili, **ir-riserva għażiża tagħna reġgħet fetħet**. Issa li reġgħet ix-xita, l-Għadira qed terġa' tieħu l-ħajja u fil-fatt diġà hemm xi borok interessanti.

Kif tafu, l-Għadira tiftaħ matul il-ġimgħa għat-tfal ta' l-iskola, u **fi tmiem il-ġimgħa tiftaħ għal kulħadd**. Għalhekk jekk tixtiequ tmorru, ġennu lill-ġenituri tagħkom biex jeħdukom xi Sibt jew Ħadd. Jew jekk għandkom l-età tagħkom aqbdu xi żewġt iħbieb interessati u kaxkruhom magħkom.

**OFFERTA SPEĊJALI:** Bħalissa l-Għadira l-BirdLife għandha **SKOSS KOTBA ĠODDA** li qed inbigħuhom **B'NOFS PREZZ!** Hemm ukoll **STOKK ĠDID** ta' affarijiet bħal T-shirts, brieret, rigi u basktijiet speċjali ta' l-Għadira. **Fi kliem ieħor, jekk tridu tixtru xi rigal għall-Milied, aslu wasla s'hemm l-ewwel!**

## Numri...

**Kull sena fid-dinja qed jitwieldu 130 000 000 (mija u tletin miljun) persuna ġdida, jiġifieri iktar minn erbat itfal kull sekonda, jew il-popolazzjoni ta' Malta kuljum! Il-Ġnus Magħquda kkalkulat li fit-12 ta' Ottubru 1999, il-popolazzjoni tad-dinja qabżet is-sitt biljun (6 000 000 000)!**









Victor Falzon

## Is-Siġar jifirħu... ...u jifirħu... ...u jifirħu!

Il-Home Depot ta' l-**Amerika** hija l-ikbar kumpanija Do-it-Yourself li hawn fid-dinja. Dan l-aħħar din il-kumpanija ddeċidiet li tibda tixtri l-injam tagħha kollu minn foresti mħawlin, u mhux iktar minn foresti verġni. Din hija aħbar tajba ħafna għall-kwantità kbira ta' annimali u pjanti li jgħixu fil-foresti qodma. Aħbar tajba ħafna, meta tqis li l-Home Depot weħidha tixtri xi 10 fil-mija ta' l-injam kollu fid-dinja!

L-edituri ta' 35 magażin fi **Sverige** (l-iSvezja) iddeċidew li jistampaw ir-rivisti tagħhom fuq karta li ġejja minn foresti mħawlin. B'hekk jiġi ffrankat qtugħ minn foresti *old growth*, foresti li qatt ma nqatgħu, u li għadhom fl-istat naturali oriġinali. Foresti bħal dawn huma importanti għall-bijodiversità (varjetà ta' ħajja).

Il-Gvern ta' Queensland fl-**Awstralja** żamm il-wegħda li għamel xi xhur ilu, u ddeċieda li ma jkomplix jeqred il-foresti antiki li hemm fir-reġjun. Queensland għandha l-ikbar meded ta' foresti li hemm fl-Awstralja. Nisperaw li fil-bqija ta' l-Awstralja jieħdu l-eżempju u jagħmlu l-istess.



## Qed tinħall

**Issa ma baqax dubju. L-Antartika, il-kontinent tas-silġ, qiegħda tinħall! Ix-xjenzati qegħdin iqabblu ritratti mis-satellita ta' l-istess inħawi tal-kontinent, u minn sena għall-oħra qed jinnutaw li iktar u iktar silġ qed jinħall.**

# kompetizzjoni 35

Did-darba għandkom Tisliba li t-tweġibiet tagħha ssibuhom mill-ħarġiet tal-Ħuttafa li għaddew (Nru 33 u 34). Ibagħtu t-tweġibiet flimkien ma' isimkom, indirizz u membership number, mhux wara 31 Diċembru 1999. F'idejkom! U tqattgħux il-magażin.

*Norman Chetcuti (Puzzler Guzzler)*

3




**MIMDUDIN**

4 Fit-28 Novembru se norganizzaw ......
7 Jidħol mal-lejl fuq Filfla.
8 Ma jistgħu jattendu l-ġlied tat-toru.
10 "Bil-........." ktieb ġdid tal-BirdLife
11 Fil-11 Settembru kien hemm 47 fil-Buskett.

**WEQFIN**

1 L-industrija tal-......qed iġġib wiċċ Malta qisu ġobon tat-toqba!
2 Riżors li qed joħloq problemi.
3 Għandu nejbiet kbar.
5 Jista' jkun bil-leħja.
6 Il-parlament Skoċċiż irid jaqta' l-moħqrija ta' dan l-annimal.
9 Rawha huma u jaqsmu minn Malta għal Għawdex.

**Ir-rebbieħ jingħata l-ktieb ġdid tal-BirdLife *Bil-Bejta*.**

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 34 hija **Rachelle Cassar** min-Naxxar. Rachelle tista' tmur tiġbor il-ktieb li rebħet miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (9am-12.00). Importanti li tieħu magħha t-tessera (membership card).





| | |
|---|---|
| Malti | **Pitirross** |
| Ingliż | **Robin** |
| Xjentifiku | ***Erithacus rubecula*** |

# il-pitirross

Mark Falzon

**Jekk hemm għasfur li jaf bih kulħadd, dan huwa żgur il-pitirross...**

Fl-Ewropa l-pitirrossi spiss ibejtu fil-ġonna tannies, ġieli anke fi żraben jew ktieli mormijin f'xi rokna! Imma f'Malta l-pitirross jiġi biss fil-ħarifa u x-xitwa biex jaħrab il-kesħa tan-Nord. Narawh l-aktar bejn Ottubru u Marzu. Xi ftit jibqgħu hawn anke fis-sajf, u joqogħdu s-soltu f'widien jew f'postijiet bis-siġar.

Mal-wasla tagħhom, il-pitirrossi jwaqqfu territorju, jiġifieri jsibu biċċa art b'xi ftit siġar fiha u jagħmluha "tagħhom"! Kull pitirross ikollu t-territorju żgħir tiegħu fejn jiekol u jistrieħ. Dan it-territorju l-għasfur jiddefendih billi jgħanni u jittajjar 'l hawn u 'l hemm fih u juri sidru b'dak il-ġmiel ta' oranġjo! Spiss ikollu jiġri ġirja wara xi pitirross ieħor li jkun daħallu fl-art tiegħu.

Minn studji bir-ringing, il-BirdLife sabet li pitirross kapaċi jżomm l-istess territorju għal diversi snin. Dan ifisser li l-istess pitirross jerġa' jsib l-istess roqgħa żgħira tiegħu sena wara sena. Ħaġa inkredibbli, meta taħseb ftit kemm eluf ta' kilometri jkun qasam dak il-pitirross biex wasal! Ħafna pitirrossi li jiġu Malta middehra jiġu mill-Ewropa tal-Lvant (eż. l-Estonja) u anke mir-Russja. Jiġifieri pitirross kapaċi jtir bejn Malta u r-Russja darbtejn fis-sena u dejjem isib l-istess nitfa art! Bla ma juża boxxla jew mappa jew radar jew satellita jew kompjuters! Kif isibha t-triq? Kif ma jintilifx? S'issa ħadd ma jaf kif.




Il-pitirross fidil ħafna u bilkemm għandek bżonn tromba biex tosservah! Kull ma trid tagħmel huwa li toqgħod kwiet u tistennih jiġi lejk. Anzi jekk trid tarah aħjar, arma *bird table* fil-ġnien jew fil-bitħa? Ftit frak tal-kejk jew xi rummiena maqsuma, u tarah ġej!

Il-kotba jgħidu li l-pitirrossi jieklu dud u insetti. Veru, u mn'Alla għax bis-saħħa tal-pitirrossi jonqos il-bżonn li nbexxu l-pjanti. Imma ħej, xi gallettina jew qagħqa mfarrka jiġġennen għaliha wkoll! Mela qis li żżomm dik il-*bird table* stokkjata b'affarijiet interessanti, u l-pitirross jeħel fil-ġnien tiegħek bħal kalamita. Biex ipattilek, il-pitirross jibda jfaqqagħlek l-għanja tiegħu filgħodu biex inti tqum frisk għall-iskola! Ħeqq, aħjar minn xi żveljarin elettroniku!

Sa ftit snin ilu ħafna tfal kienu jaqbdu l-pitirrossi bit-trabokki (trabokk hija nassa apposta biex taqbad il-pitirrossi). Din hi veru ħaġa bla sens - għasfur li jkun ġie fostna wara titjira bħal dik, biex imbagħad jinqabad u jmut wara ftit ġranet!

Dan mhux sew, u l-BirdLife ilha ħafna snin tagħmel kampanji biex dan il-vizzju jinqata'. Min jaf kemm mijiet ta' eluf ta' stikers qassamna fl-iskejjel matul is-snin, u kemm posters u fuljetti! Imma ma kienx sforz għalxejn - l-insib għall-pitirrossi naqas sew.

**Forsi ma ddumx ma tasal dik il-ġurnata meta fiha jitkisser l-aħħar trabokk!**

## Ħamsa fit-triq


Ronald Sultana

"Mmmmm! Tgħid tajba għall-ikel dis-sardinella?"

**Għażiż Editur,**

**Għal nofs Ottubru, fix-Xlendi sibt ħames frieħ taċ-ċief fit-toroq qrib il-baħar. Dawn kienu ħajjin. Ġbarthom u żammejthom sa x'ħin issaħħu. Kont nagħlifhom il-ħut. Ilma qatt ma sqejthom, tgħid għamilt ħażin?**

**Tista' tgħidli għaliex il-frieħ taċ-ċief waqgħu fit-toroq bla ma felħu jerġgħu jittajru għal ġol-bejta jew għal ġol-baħar? Vera li ċ-ċief qatt ma jorqdu? Bgħattlek żewġ ritratti tagħhom.**

**Grazzi ta' li tagħmlu biex issalvaw l-għasafar. Hekk l-iktar li tista' tgħin lill-Kreatur (Alla).**

**Ronald Sultana**
**Xlendi**

*Għażiż Ronald,*

*Ħamsa, eh? Isma, Ron! Mn'Alla sibthom int dawk il-frieħ - li sabhom ħaddieħor, kien forsi jixtiqilhom inqas ġid milli xtaqtilhom int! U nispera li issa tlaqthom.*

*Iċ-ċief jgħix ħajja iebsa. Kif taf, ħafna għasafar jgħallmu l-frieħ tagħhom itiru, u kultant anke jpassu flimkien. Iċ-ċief le! Iċ-ċief iħallu lill-frieħ tagħhom kmieni, u dawn ikollhom jitgħallmu jtiru weħidhom!*

*Naturalment, xi frieħ ma jitgħallmux mill-ewwel u jkunu qishom il-mitlufin! Barra minn hekk, jekk ikun riħ kontra isibuha iktar diffiċli biex itiru,u jegħjew malajr. Anke d-dwal tat-toroq filgħaxija (bħal tax-Xlendi) jfixkilhom.*

*Ronald, jien staqsejt espert u qalli dawn l-affarijiet. Jekk terġa' ssib frieħ, m'hemmx għalfejn toqgħod iżżommhom id-dar u tagħlifhom int. L-aħjar ħaġa tkun li:*

*1) tistenna sa ma jidlam (biex sa ma jisbaħ ikunu laħqu tbiegħdu mill-art u mill-periklu tal-bniedem!)*
*2) issib x'imkien ftit fl-għoli fuq il-baħar (bħal wara t-torri tax-xatt tax-Xlendi - oj, tersaqx fix-xifer!)*
*3) titlaqhom bil-galbu (u tawguralhom il-vjaġġ it-tajjeb lejn il-Baħar l-Iswed!)*

*Bilħaqq, iċ-ċief jorqod! U żgur li jorqod - anke fuq il-baħar jorqod.*

*L-Editur*

## 'Tini parir!

**Għażiż Editur,**

**Jien dejjem nipprova nwaqqaf liz-ziju tiegħi milli jispara fuq l-għasafar. Jekk jogħġbok tini parir biex ma jisparax iżjed fuq l-għasafar.**

**Grazzi ħafna.**

**Charlton Agius**
**L-Iklin**

*Għażiż Charlton,*

*Diffiċli! Jekk iz-ziju tiegħek jieħu pjaċir joqtol l-għasafar, ma tantx hemm ċans li tneħħilu l-kilba. Anke jekk jaf li qed jagħmel ħażin...*

*Dan bħall-vizzju tat-tipjip, jafu li ħażin imma ma jistgħux jieqfu.*

*X'tista' tagħmel int? Ipprova sir iktar attiv fil-BirdLife, u b'hekk tpatti bit-tajjeb!*

*L-Editur*



**Birdlife Malta**
**57/28 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

## Għalfejn?

**Sur Editur,**

**Il-ġimgħa li għaddiet kont miexja l-Buskett meta rajt għasfur ma' l-art, imma kien għadu ħaj.**

**Jien ħadtu d-dar u żammejtu sakemm fieq. Il-ġurnata ġiet biex nerġa' ntajru. Il-bieraħ ġie lura, skantajt.**

**Staqsejt lil nnifsi: Għalfejn jisparawlhom dawn l-imsejkna għasafar?**

**Shalane Krauer**
**San Ġiljan**


Victor Falzon

*Għażiża Shalane,*

*It-tweġiba ħafifa! Għax ħafna nies jaħsbu li*

*1) n-nies jistgħu jagħmlu li jridu fid-dinja*
*2) l-annimali ma jħossux uġigħ*
*3) l-annimali jeżistu biss biex jaqdu lilna*
*4) id-dinja hija tagħna l-bnedmin biss*
*5) in-nies huma r-rejiet tad-dinja*

*Xi darba forsi l-folja tinbidel, u n-nies jitgħallmu jirrispettaw in-natura. Bħalma tagħmel int!*

*L-Editur*

Ftakru...
Ftakru li għal kull lira li tiġbru tieħdu punt fil-Ħuttafa tas-Sena

# MIXJA maratona

**Kemm infakkrukom fil-mixja maratona tal-Ħadd 28 Novembru 1999! Niltaqgħu fid-9am fil-pjazza tar-Raħal Ġdid.**

- **Infakkru** lill-ġenituri biex fi tmiem il-mixja jiġbru lit-tfal tagħhom minn Birżebbuġa stess (fi Pretty Bay).
- **Se jkollna** wkoll servizz ta' tabiba għal li jista' jinqala'!
- **Itolbu** għal ġurnata b'żiffa sabiħa, xemx fietla, sħab qisu tajjar u xita xejn!







Data: 20 Diċ 1999
Post: **Skola Furjana**
Ħin: **6.30pm-8.30pm**
Dħul: **Lm1.50** (fil-bieb)




**Fl-aħħar erġajna wasalna** biex norganizzaw **il-PARTY tal-MILIED** ta' KLABB ĦUTTAF, **l-iktar attività li** jattenduha membri. **Mela żommu d-data f'moħħkom,** iktbuha fuq karta, fid-djarju, **mal-friġġ, fit-tajmtejbil ta' l-iskola,** fejn tridu! **Basta TIFTAKRU, TIBBUKKJAW u** TIĠU!




**Biex tibbukkjaw ċemplu: 347646** (8am-1pm)



**Mhux wara 15 Diċ 1999**







# JB on TV



Fil-programm **Zeppelin** (Education Channel kull nhar ta' Tlieta fil-5.45pm) qed ikollna lil sieħibna **John Borg** jitkellem dwar il-BirdLife. John huwa membru antik ta' BirdLife Malta, espert ta' l-għasafar u huwa wkoll il-gwardjan tar-riserva Is-Simar. Grazzi John, u prosit!



# Gallerija






















3







Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

Jikteb **Justin**



Owe Anderson

**Ritratt tal-Ħuttaf li attendew il-Kamp tat-Tajr tal-Priża fil-Buskett.** Hawnhekk narawhom wara li ġabru partita skrataċ vojta mill-Buskett. Il-Buskett taparsi santwarju ta' l-għasafar fejn suppost kaċċa ma ssirx! Ċajta goffa, għax kulħadd jaf li l-Buskett f'Settembru jkun hemm iktar kaċċaturi minn siġar!

# Najtħajk

**Tħobb timxi filgħaxija, għall-kwiet tal-lejl, minn trejqiet fil-kampanja? Jekk iva, mela DIN l-attività għalik! Se nagħmlu najtħajk u se nimxu mir-Rabat sa l-Għadira. Kemm se ndumu mixjin ma nafux, imma sa ma jisbaħ inkunu fil-bajja żgur! Hawn huma d-dettalji:**

| | |
|---|---|
| Data: | **10-11 Diċembru 1999** |
| Niltaqgħu: | **8.15pm Putirjal** jew |
| | **9pm fil-venda r-Rabat** |
| Età: | **Ħuttaf 12yrs+** |



Jekk naslu l-Għadira xi ftit kmieni, nimmaġina li lkoll ikollna aptit nistrieħu fuq ir-ramel. Għalhekk idea tajba jekk magħkom iġġibu xi kutra biex jekk ikun il-frisk ikollkom biex titgħattew. Nitkellem mill-esperjenza! Ħaġ'oħra, min biħsiebu jiġi aħjar jorqod ftit il-Ġimgħa wara nofsinhar, inkella ssiru biċċa ta' l-art!

# Hatra ġdida!




## mill-Album



mixja għawdex - marzu 99

Justin Vassallo



kamp kemmuna - april 99

Justin Vassallo

# ENERĠIJA

It-Tieni Parti

Elisabeth Conrad

**Hemm ħafna sorsi ndaf minn fejn nistgħu nieħdu l-enerġija. Fost dawn hemm l-enerġija mix-xemx, mill-ilma ġieri, mir-riħ, mis-sħana ta' l-art, mill-mewġ u mill-marea (tide). Din id-darba se naraw l-enerġija mix-xemx u mill-ilma ġieri.**

## Mix-Xemx

Hemm diversi metodi kif tista' tieħu l-enerġija mix-xemx. Metodu minnhom huwa bl-użu ta' dawk li jissejħu ***photovoltaic cells.*** Dawn huma bħal ħġiġiet li jibdlu d-dawl tax-xemx direttament f'elettriku! Hawn ħafna calculators li jaħdmu bihom flok bil-batterija.

Il-problema ta' dawn hija li trid ħafna minnhom biex ikollok ftit elettriku sew, u mhux biss huma għaljin, imma jieħdu wkoll ħafna spazju! Madankollu, **din il-forma ta' enerġija għandha potenzjal kbir** u dawn ic-*cells* qegħdin kull ma jmur jagħmluhom dejjem iżgħar u aħjar.

Jintużaw ukoll **mirja** li jimmiraw ir-raġġi tax-xemx fuq apparat speċjali li jbiddel id-dawl tax-xemx f'elettriku.

Jistgħu jintużaw ukoll ***solar heaters,*** fejn l-ilma jissaħħan bis-sħana tax-xemx flok bl-elettriku. Kieku kull dar ikollha ħiter tax-xemx fuq il-bejt ara kemm elettriku niffrankaw!

Ħafna nies jaħsbu li l-enerġija solari hija xi ħaġa għall-pajjiżi sinjuri. Fil-fatt, **l-elettriku mix-xemx huwa idejali għall-pajjiżi fqar**. F'Sukatani, raħal fil-Java, sa ftit ilu ma kellhomx elettriku. Fl-1989 bdew jintużaw solar panels, u llum in-nies ta' Sukatani qed iħallsu inqas milli kienu jħallsu qabel għall-batteriji u għall-pitrolju! Eżempju ieħor huwa Ċipru, gżira bħal tagħna fil-Mediterran. Hemmhekk kulħadd bil-ħiters tax-xemx fuq il-bjut tad-djar.

**F'Malta din il-ħaġa bilkemm taraha, ħlief fuq il-bjut ta' xi lukandi! Għaliex? Ma tgħidx li m'għandniex xemx!!!**



Is-Solar panels jieħdu d-dawl mix-xemx u jibdluh f'elettriku

Acid News




L-ilma jgħaddi mid-diga u jdawwar it-turbini. Turbini jkunu bħal skrejjen li jduru bil-forza ta' l-ilma u jiġġeneraw l-elettriku.

## Mix-Xmajjar

L-enerġija tista' ġġibha wkoll mill-ilma ġieri. Ġeneralment dan isir billi jinbnew digi (dams) kbar fuq ix-xmajjar, biex jinħażen l-ilma warajhom. Imbagħad l-ilma jitħalla jgħaddi b'mod ikkontrollat biex jipproduċi l-elettriku kontinwu.

Din is-sistema tista' tkun effiċjenti ħafna, għax nadifa, kwieta u kontinwa. Imma tħalli **effetti fuq l-ambjent u fuq in-nies** li jgħixu fl-inħawi. Dan għaliex l-ilma li jinġabar wara d-digi jgħarraq ħafna art u jifforma għadajjar enormi. Per eżempju fiċ-Ċina qed jinbena t-Three Gorges Dam, proġett enormi li se jgħarraq art li fiha jgħixu mal-miljun ruħ - naturalment, dawn kollha jridu jsibu post ieħor fejn jgħixu! Barra minn hekk, wieħed jista' jimmaġina kemm annimali, pjanti u **ekosistemi sħaħ jintilfu** taħt l-ilmijiet ta' dawn l-għadajjar artifiċjali. U min jaf x'katastrofi jekk iċċedi xi diga?!!

Soluzzjoni għal dawn il-problemi tista' tkun li flok ma jinbnew digi kbar, jinbnew sistema ta' digi iżgħar li jħallu inqas effett fuq l-ambjent ta' madwarhom.

**Naturalment f'Malta din il-forma ta' enerġija hija impossibli minħabba li m'għandniex xmajjar.**

*(Is-sensiela tkompli...)*

## Il-Ħuttafa tas-Sena

IL-LISTA BĦALISSA. Mhix ir-riżultat finali għax għad irridu nżidu l-punti ta' min ġej il-Mixja Maratona. Ir-rebbieħa ninfurmawhom bil-posta, il-premjijiet jingħataw fil-Party tal-Milied, u l-Lista Sħiħa Finali tarawha f'Il-Ħuttafa 36.

| | |
|---|---|
| **Jurgen Pavanello** | **210** |
| **Sara Jane Cauchi** | **184** |
| **Kenneth Cauchi** | **181** |
| **Clayton Borg** | **106** |
| **Denise Grima** | **95** |
| **Marion Borg** | **79** |
| **Albin Borg** | **70** |
| **Arthur Briffa** | **54** |
| **Kyra Vassallo** | **53** |
| **Dawn Costa** | **52** |
| **Alison Gauci** | **48** |
| **Christian Debono** | **46** |
| **Karl Farrugia** | **46** |
| **Simon Sultana** | **45** |
| **Matthew Borg Cardona** | **40** |




## GRAZZI

Grazzi **Jurgen Pavanello** talli fuq inizjattiva personali għamilt ġabra għall-bżonnijiet tal-BirdLife. Jurgen irnexxielu jiġbor is-somma sabiħa ta' Lm20!

Grazzi **Michael Falzon** tal-*poster holders* ta' l-injam li għamiltilna b'tant paċenzja u sengħa.

Grazzi lill-**Familja Cauchi** minn Ħ'Attard tax-xogħol li ħadtu biex għamiltu l-ħafna mudelli tal-ġibs li wżajna nhar il-BirdFest.

Grazzi **Joanne Tabone** tal-battikata biex pittirtilna l-*game boards* tal-BirdFest. Mn'Alla kienu huma!

Grazzi lill-**Voluntiera** l-oħrajn kollha li tawna daqqa t'id waqt il-BirdFest! Il-lista twila wisq biex insemmuhom kollha!!!

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u lilek nibagħtulek...

- **Tliet pitazzi ta' l-għasafar u**
- **Stiker bil-kulur ta' għasfur**

**Ħajjar** ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**






**DETTALJI tal-MEMBRU l-ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________



**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**

Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

# Mill-Ġenna!




Dan l-għasfur huwa l-**Blue Bird of Paradise** *Paradisaea rudolphi*), għasfur tal-ġenn li jgħix fil-foresti tropikali fil-muntanji tal-Papua New Guinea. Minħabba li n-nies qed jaqtgħu dawn il-foresti, **dan l-għasfur sar rari ħafna u qiegħed fil-periklu li jispiċċa għal kollox minn wiċċ id-dinja.** Il-birds of paradise jgħidulhom hekk għax tant huma sbieħ li qishom niżlin mill-ġenna! Fid-dinja hawn xi 1200 speċi ta' għasafar fil-periklu li jinqerdu, u l-Blue Bird of Paradise huwa wieħed mill-isbaħ fosthom. **BirdLife Malta għażlet li tgħin b'mod speċjali lil dan l-għasfur.** Fil-fatt għadha kemm tat għotja ta' flus biex tgħin fl-istudju u l-ħarsien tal-Blue Bird of Paradise. Bħala membri fi Klabb Ħuttaf, **intom** qed tgħinu wkoll!



"Serraħ rasek! M'aħniex 'il bogħod mill-bniedem!"




